MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2004

Citazzjoni Numru. 1757/2000/1

**Carmelo u Carmen konjugi Schembri.**

**-vs-**

**Renato Caruana.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fil-25 ta’ Awissu, 2000 li permezz taghha l-atturi ppremettew:

Illi il-konvenut informa lill-atturi li sabiex jespandi n-negozju tieghu ta’ bejgh ta’ *household appliances*, ghodda u prodotti relatati kien jehtieglu li jottjeni self mill-Bank of

Valletta p.l.c, u ghal dan il-ghan talabhom sabiex jipprestaw ruhhom bhala garanti fuq l-istess self.

Illi l-atturi accettaw li jiggarantixxu s-self, u cioe' l-*overdraft account* tal-konvenut mal-Bank of Valletta p.l.c., u hekk ipprestaw ruhhom bhala garanti *in solidum* mal-konvenut permezz ta' kuntratt datat it-tlieta u ghoxrin (23) ta' Dicembru elf disa' mija u disgha u disghin (1999) in atti tan-nutar Maurice Gambin (anness u mmarkat bhala Dok. CS1) sal-ammont ta' hmistax-il elf lira Maltin.

Illi sussegwentement il-konvenut talab lill-atturi sabiex jaghtu garanzija addizzjonali relattiva ghal estensjoni tal-facilita' ta' l-*overdraft* mal-Bank of Valletta p.l.c. sal-ammont ta' ghoxrin elf lira Maltin, liema estensjoni u garanzija addizzjonali sehhet permezz ta' kuntratt datat it-tnejn (2) ta' Marzu elfejn (2000) in atti tan-Nutar Maurice Gambin (anness u mmarkat bhala Dok. CS2).

Illi l-konvenut talab ukoll lill-atturi jipprestaw ruhhom bhala garanti fuq self iehor mill-istess Bank of Valletta p.l.c fis-somma ta' ghoxrin elf lira Maltin, liema self u garanzija sehhew permezz ta' kuntratt iehor datat it-tnejn (2) ta' Marzu elfejn (2000) in atti tan-Nutar Maurice Gambin (anness u mmarkat bhala Dok. CS3).

Illi l-konvenut huwa *in mora* fil-hlas fuq is-self u facilita' ta' l-*overdraft* koncessi lilu mill-Bank of Valletta p.l.c.

Illi l-atturi interpellaw diversi drabi lill-konvenut sabiex jirregolarizza l-pozizzjoni tas-self tieghu mal-Bank of Valletta p.l.c. izda l-istess konvenut baqa' inadempjenti.

Illi l-atturi gew interpellati mill-kreditur tal-konvenut, u cioe' mill-Bank of Valletta p.l.c., sabiex ihallsu lill-istess kreditur l-ammonti minnhom garantiti kif fuq premess u dan wara li l-konvenut naqas li jonera l-obbligi tieghu (Dok. CS4 anness).

Illi minn meta l-atturi ipprestaw ruhhom bhala garanti tal-konvenut kif premess, inbidlu c-cirkostanzi tal-konvenut li jaghtu il-ghaliex wiehed jibza’ li l-istess konvenut sejjer isir mhux solvibbli.

Illi l-atturi, ai termini tal-Artikolu 1948 tal-Kodici Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta), ghandhom il-jedd li jagixxu kontra l-konvenut sabiex jigu minnu rilevati, ossia indennizzati.

Ghalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex:

1. Tiddikjara li l-konvenut huwa obbligat li jindennizza lill-atturi, u hu ghalhekk debitur taghhom, wara li huma ipprestaw ruhhom bhala garanti ghad-debiti ta’ l-istess konvenut mal-Bank of Valletta p.l.c. u l-konvenut qieghed in mora fl-obbligi tieghu u/jew inbidlu c-cirkostanzi tieghu li jaghtu il-ghaliex wiehed jibza’ li l-istess konvenut sejjer isir mhux solvibbli.

2. Tillikwida l-ammont dovut mill-konvenut, in linea ta’ kumpens, lill-atturi kif premess.

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi l-ammont hekk likwidat.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-mandat ta’ sekwestru numru 2929/00, u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut, li hu minn issa igunt ghas-subizzjoni, u bir-riserva ghal kull azzjoni fil-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat li l-konvenuti debitament notifikati naqsu illi jippresentaw nota tal-eccezzjonijiet u kwindi baqghu kontumaci.

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta' Mejju 2004 li permezz tieghu il-kawza thalliet ghas-sentenza wara li xehed ghal darb'ohra l-attur illi ikkonferma li hallas id-dejn kollhu tal-konvenut li kien cirka Lm44,000.

L-attur ressaq provi ohra dwar xi spejjes li kellhu jaghmel minhabba l-agir tal-konvenut izda dawn ma jinkwadrawx fit-talba li ghamel u ghalhekk il-Qori se tilqaghlu t-talbiet tieghu in konnessjoni mal-kuntratt li sar mal-bank u mhux l-ispejjes l-ohra billi dawn ma jifformawx parti mit-talba tal-attur.

Billi ghalhekk it-talba tal-atturi mhijiex kontradetta;

**Tiddeciedi l-kawza billi, fil-kontumacja tal-konvenuti tilqa' t-talba tal-atturi u:**

**1. tiddikjara illi l-konvenut hu obligat li jindennizza lill-atturi u hu ghalhekk debitur taghhom wara li huma ipprestaw ruhhom bhala garanti ghad-debiti tal-istess konvenut mal-Bank of Valletta u l-konvenut qeghed in mora fl-obligi tieghu minhabba tibdil car fic-cirkostanzi;**

**2. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi is-somma ta' erbgha u erbghi elf lira (Lm44,000) lill-atturi, bl-ispejjes u imghaxijiet mill-25 ta' Awissu 2000 sad-data tal-pagament effettiv.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------